**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**It-28 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fl-4:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar l-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2015**
4. **Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet t'Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
5. **L-Iskips Madwar il-Lokalita'**
6. **L-Instalazzjoni tad-*Defibrillator* fil-Lokalita'**
7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8. **Finanzi**
9. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-28 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fl-4:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tas-27 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Cutajar, Segretarju Permanenti u Segretarju tal-Kabinett, bit-titlu ***REMINDER* – Laqgħa tal-Kabinett – Reġjun Nofsinhar.**

2.2 Inqrat Memo 3/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 3/2015 – Devoluzzjoni ta' Siti u Propjeta' Pubblika lill-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 4/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 4/2015 – Kumitat tal-Finanzi.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tagħrif dwar l-allowance mogħti lill-Kunsillieri – Laqgħat tal-Kunsill Lokali.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tqassim ta' bolol tad-Dazju tas-Sisa fuq l-inbejjed *(Wine Banderols)* minn Uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tlett Avviżi għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali lbieraħ.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali Llum – Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa dwar votazzjoni bikrija fir-Referendum u fl-Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali – April 2015.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali dwar votanti li ser ikunu msiefra jew rikoverati fi sptar fil-11 ta' April 2015.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ Avviżi għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali Llum.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***The Celiac Voucher Scheme* – Laqgħa ta' Informazzjoni li saret fis-16 ta' Jannar 2015.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ESF 4.249 – Job Shadowing opportunities in Regulatory/Quality Assurance organisations.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payment claim for Live Streaming Memo.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Carnival Activities in Localities.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Grech għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Attivita' ta' Volontarjat għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marthese Parascandalo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Sustainable Development Seminar Invitation.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marthese Parascandalo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Local Councils Survey.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Family Friendly Measures & Special Leaves Survey 2014.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***VL and SL Records for the year ending 2014.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***MITA Deductions from 1st Allocation 2015.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Appraisal, Performance Bonus u* Minuti.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Posters (dwar is-servizzi tal-Pub Reg u tal-Passaporti).**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Contracts Circular No. 04/2015.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Dħul ta' flus minn dokumenti dwar sejħiet għall-offerti – *All Local Councils.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ġbir ta' skart separat.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Lista' ta' Kuntratti li ser jiskadu 2015.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***FYI & A – PQ 14440.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 44/15 – Rapport fuq bankina – Il-Qrendi.**

2.28.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali ma kienx jaf li se ssir din il-bankina partikolari, biss min-naħa l-oħra l-Kunsill Lokali ma jsib l-ebda oġġezzjoni li saret din il-bankina.

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace mill-Vot 16, bit-titlu **Seminar – Vote 16 Verdala, nhar is-Sibt 24 ta' Jannar 2015.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk. 4/2015 – Konferenza *"Energy Efficiency Capacity Building Workshop"* f'Għawdex fit-12 ta' Frar 2015.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk. 5/2015 – Ħlas lil *Performing Right Society Limited.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk. 7/2015 – *Group Health Insurance Policy 2015.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kjarifika Nru. 1 – Ċirkulari AGL Ċirk. 7/2015 – *Group Health Insurance Policy 2015.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk. 9/2015 – Ħlasijiet li għandhom isiru lil ARMS Ltd.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Laqgħa Reġjonali tas-Segretarji Eżekuttivi.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Thank You.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Galea, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru, bit-titlu ***Change of Postal Address.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Nazzjonali tas-Segretarju Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu ***Confidentiality Agreement – POYC.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Registration Form – Local Development Strategy.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cheryl Falzon, *Deputy Librarian* tal-Libreriji ta' Malta, bit-titlu ***Payscale.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorielle Theuma, *Clerk* fl-Uffiċċju tal-President, bit-titlu ***Invitation by H.E. The President*** **– Premju b'Ħilti Wasalt.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rossella Farrugia, *Clerk* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, bit-titlu **Proposti għall-Proġetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali – Riċevuta.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Morana, *Area Coordinator – CDRT*, bit-titlu ***"Implementing Green Public Procurement for Local Council tenders" on 26 January 2015.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Simon Grech, *Projects Manager* fil-*Funds and Programmes Division* fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru, bit-titlu ***Payment Process – Measure 313 and 323 projects.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Galea, *Maintenance Monitoring Unit* fil-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, bit-titlu **848 – Qrendi – Triq Wied iż-Żurrieq – Rem 1.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Muscat, Membru u Segretarju tal-i*Street Naming Committee – Malta*, bit-titlu **Proposti ta' ismijiet ta' Toroq – Posponuti.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadia Camilleri mill-Enemalta, bit-titlu ***Helpdesk*** **għall-Kunsilli Lokali.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mark Galea, Maniġer tal-NSO, bit-titlu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Survey of Research and Development in the General Government Sector 2013 and 2014.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Attard, Kap Eżekuttiv ta' Green MT, bit-titlu **Ftehim ma' Skema Awtorizzata li tiġbor Skart Riċiklabbli.**

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa, Denise M. Farrugia, *Regional Development Agent* tal-Proġett LEAP fir-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***New Courses by LEAP South Region in Positive Parenting and Employability Training and Support.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud, Kaxxiera tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu ***Invoice* – Tiżjin tal-Milied.**

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Gaffiero bit-titlu **Mrs Malta 2015.**

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Salvinu Zammit, *Chairman* tal-Kumitat ta' *Fund Raising* tal-Parroċċa, bit-titlu ***Coffee Morning* – 18/2/2015.**

2.54 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija dwar ħlas dovut mill-Kunsill Lokali kif ukoll ringrazzjament.

2.55 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija dwar aċċettazzjoni ta' stedina mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

2.56 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes dwar aċċettazzjoni ta' stedina mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

2.56.1 Dwar l-ittri mibgħuta mis-Segretarji taż-żewġ Soċjetajiet tal-Banda f'raħalna, l-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li se ssir laqgħa mad-delegati tal-banda taż-żewġ Soċjetajiet wara li tintemm il-laqgħa tal-Kunsill Lokali.

2.56.2 Żied li kull Soċjeta' se tkun qiegħda titħallas €250 tas-servizz mogħti waqt il-korteo ta' Jum il-Qrendi 2015.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Caruana, Viċi Segretarja tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Jum il-Qrendi 2015.**

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Peter Polidano bit-titlu ***Dog Mess.***

## 3. AĠĠORNAMENT DWAR L-ATTIVITAJIET TA' JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2015

3.1 **Ġieħ il-Qrendi 2015**

3.1.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal lis-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2015 hija finalizzata.

3.1.2 Qal li l-Professur Ray Mangion se jkun indispost u għaldaqstant it-*talk* li kellu jagħmel mhux se ssir.

3.1.3 Spjega kif se jsir riċeviment żgħir wara li tispiċċa s-serata u l-ikel u x-xorb se jkunu qegħdin jitqassmu mill-membri tal-Qrendi Scout Group.

3.1.4 Żied li hemm possiblita' lis-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Stefan Bountempo jattendi għal din is-serata.

3.1.5 Il-Viċi Sindku qal ukoll li l-Kunsill Lokali għadu jrid jiddeċiedi min se jippreżenta s-serata tas-Sibt li ġej.

3.1.5.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona lis-Sa. Pamela Schembri sabiex tippreżenta s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2015.

3.1.5.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta kemm-il darba s-Sa. Schembri tkun tista' tippreżenta u ma jkollhiex impenji oħra.

3.2 **Jum il-Qrendi 2015**

3.2.1 Il-Viċi Sindku qal li għalkemm il-Kappillan kien ikkonferma li l-quddiesa ta'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Jum il-Qrendi se tkun dik tal-10am, inqalgħet xi ħaġa u għaldaqstant il-quddiesa se tkun dik tat-8:30am li se tkun apposta għal dan il-Jum.

3.2.2 Spjega kif il-baned taż-żewġ Soċjetajiet Mużikali f'raħalna se jkunu qegħdin idoqqu fil-korteo bħala banda waħda.

3.2.2.1 Żied li dan il-korteo se jkun qiegħed jitlaq minn quddiem il-Kunsill Lokali, jimxi fi Triq il-Kbira, mbagħad idur għal Triq is-Suq, jieqaf għal ftit f'Misraħ Santa Marija, imbagħad jimxi għal Triq il-Parroċċa u jerġa' jieqaf ftit fi Triq Rokku Buhagiar, sakemm jibqa' nieżel quddiem il-Monument ta' Gwerra.

3.3 Dwar l-attivita' *Passa ai Tempi*, l-Viċi Sindku qal li se jkun hemm sitt parteċipanti bil-parċmina u l-bizzilla. Żied li se jkun hemm tnejn b'wirja ta' santi, wieħed bil-presepji tal-jablo', kif ukoll persuni oħra li se jkollhom bajd dekorattiv, kartolini magħmulin bl-idejn kif ukoll esebizzjoni tal-ajruplani.

3.3.1 Qal li l-armar ta' dawn l-esebiti se jsir fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali, nhar il-Ħadd li ġej, mill-10am 'l quddiem.

3.3.2 Żied li bħala divertiment se jkun hemm diversi kantanti u żeffiena bejn it-3pm u l-5pm, imbagħad ikomplu Freddie Portelli u warajh Joe 'id-Dulli' u Veronica Farrugia.

3.4 Il-Viċi Sindku semma' wkoll is-sehem tal-Iskola Primarja tal-Qrendi u qal li se jkunu qegħdin isiru xi proġetti fuq il-Qrendi mill-istudenti u dawn se jingħataw kotba bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom.

3.5 **Premju Ġieħ il-Qrendi 2015**

3.5.1 Is-Sindku qal li f'din il-laqgħa se jiġi ppreżentat ir-rapport tas-sotto kumitat ta' Ġieħ il-Qrendi 2015, liema rapport irid ikun hemm qbil unanimu fuqu.

3.5.2 Spjega kif is-sotto kumitat kien kompost kif ġej:

- Is-Sur Chris Falzon
- Is-Sur Daniel Farrugia
- Is-Sa. Olympia Sant Mifsud

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

- Is-Sur David Schembri
- Is-Sur Charles Zerafa

3.5.3 Żied lis-sotto kumitat, wara li evalwa n-nominazzjonijiet kollha u saret votazzjoni, ġie deċiż li Dr. Alfred Bonnici u s-Sa. Julia Farrugia Portelli għandhom jingħataw dan il-Ġieħ.

3.5.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta dan ir-rapport peress li kull persuna fis-sotto-kumitat setgħet tesprimi l-vot tagħha bla tfixkil.

3.5.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dan ir-rapport sottomess mis-sotto kumitat ta' Ġieħ il-Qrendi 2015.

3.5.6 Ir-rapport uffiċjali dettaljat jinsab annes ma' dawn il-Minuti bħala Appendiċi A.

## 4. <u>AĠĠUDIKAZZJONI TA' SEJĦIET T'OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2015 għalqu erba' (4) sejħiet għall-offerti mill-Kunsill Lokali.

4.1.1 Qal li dawn is-sejħiet kienu:

- Avviż Nru. QLC BR 49/15. Offerti għal ġbir ta' skart goff.
- Avviż Nru. QLC PC 49/15. Offerti għal Tindif u Attendenza ta' Latrini Pubbliċi.
- Avviż Nru. QLC SACE 49/15. Offerti għal Xogħol ta' Perizija.
- Avviż Nru. QLC TSRM 49/15. Offerti għal Manutenzjoni tas-Sinjali tat-Traffiku u tat-Toroq.

4.2 Sejħa **QLC BR 49/15**

4.2.1 Is-Sindku spjega li b'kollox kien hemm ħames offerenti, kif ġej:

1. Joseph Farrugia
2. Lino Micallef
3. Dimbros
4. Jimmy Muscat
5. Frankie Grech

4.2.2 Qal li l-offerta ta' Frankie Grech ma tistax titqies bħala eliġibbli minħabba li ma ġietx ippreżentata l-*Bid Bond* hekk kif rikjest fis-sejħa għall-offerti.

4.2.3 Żied li mill-persuni l-oħra li tefgħu l-offerta, jidher li l-offerta ta' Joseph Farrugia hija l-aktar waħda vantaġġuża u għaldaqstant ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jagħżel lis-Sur Farrugia għal din is-sejħa.

4.2.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

4.2.5 L-iskeda ta' dawk li tefgħu l-offerta qiegħda annessa bħala Appendiċi B ma' dawn l-istess Minuti.

4.3 Sejħa **QLC PC 49/15**

4.3.1 Is-Sindku spjega li b'kollox kien hemm erba' offerenti, kif ġej:

1. Clayton D'Amato
2. Brian Borg
3. Liann Galea
4. Roberta Mifsud

4.3.2 Qal li kif jidhru l-prezzijiet, għalkemm l-offerta tas-Sur D'Amato hija l-irħas, wieħed irid jara jekk dan l-offerent huwiex lest li jibqa' jagħti l-istess servizz li qegħdin ningħataw s'issa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.3.3 Żied li hu tal-opinjoni li fil-preżent il-Kunsill Lokali għandu jagħmel *shortlist* ta' żewġ offerenti sabiex ikollu ċans jiltaqa' b'mod speċjali mas-Sur D'Amato u tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

4.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.3.5 L-iskeda ta' dawk li tefgħu l-offerta qiegħda annessa bħala Appendiċi Ċ ma' dawn l-istess Minuti.

4.4 Sejħa **QLC SACE 49/15**

4.4.1 Is-Sindku spjega li b'kollox kien hemm erba' offerenti, kif ġej:

1. Design & Technical Resources Ltd.
2. CP Partners
3. Perit William Lewis
4. Perit Anthony C. Bezzina

4.4.2 Qal li jekk wieħed iħares lejn ir-rati mniżżla minn dawn l-erba' offerenti, tkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jagħmel *shortlist* ta' żewġ Periti, mbagħad id-deċiżjoni finali tittieħed waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

4.4.3 Żied li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill Lokali għandu jagħmel *shortlist* tal-Periti William Lewis u Anthony C. Bezzina.

4.4.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.4.5 L-iskeda ta' dawk li tefgħu l-offerta qiegħda annessa bħala Appendiċi D ma' dawn l-istess Minuti.

4.5 Sejħa **QLC TSRM 49/15**

4.5.1 Is-Sindku spjega li b'kollox kien hemm erba' offerenti, kif ġej:

1. Frankie Grech

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2. Signmark Ltd.
3. Kopertattiva Tabelli u Sinjali
4. B. Grima & Sons Ltd.

4.5.2 Qal li l-offerta ta’ Frankie Grech ma tistax titqies bħala eliġibbli minħabba li ma ġietx ippreżentata l-*Bid Bond* hekk kif rikjest fis-sejħa għall-offerti.

4.5.3 Żied li mit-tliet offerenti l-oħra, l-Koperattiva Tabelli u Sinjali kif ukoll B.Grima & Sons Ltd. prattikament huma ras imb’ras fil-prezzijiet.

4.5.4 Spjega kif il-Kunsill Lokali ilu għal aktar minn għaxar snin juża’ s-servizzi tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali, u f’dawn is-snin kollha qatt ma kien hemm problemi mal-Kunsill Lokali u xogħolhom dejjem għamluh kif mistenni.

4.5.5 Għaldaqstant ippropona li din l-offerta għandha tingħata lill-Koperattiva Tabelli u Sinjali.

4.5.6 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma’ din il-proposta.

4.5.7 L-iskeda ta’ dawk li tefgħu l-offerta qiegħda annessa bħala Appendiċi E ma’ dawn l-istess Minuti.

## 5. L-ISKIPS MADWAR IL-LOKALITA’

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li ninsabu f’sitwazzjoni kerha li anke bi skips nofshom vojta, hemm persuni rresponsabbli li qegħdin ipoġġu l-iskart domestiku mal-art maġenbhom, xorta waħda.

5.2 Qal li kulfejn hemm l-iskips, jiġfieri fi Triq Dwardu Borg, Triq l-Imqabba, u anke fi Triq Ġużeppi Muscat (maġenb il-grawnd tal-futbol), dejjem qiegħed ikun hemm ħafna skart domestiku mal-art.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li mad-*dustbin* ta' Għajn ix-Xemx twaħħlet tabella u n-nies waqfu jarmu l-boroż suwed hemmhekk.

5.4 Is-Sindku wieġeb li fejn hemm l-iskips saru diversi avviżi imma donnu li dawn l-avviżi ma ħadmux.

5.5 Żied li probabbli jkollna nġibu lil *Green Wardens* sabiex nieħdu azzjoni b'saħħitha forsi fl-aħħar in-nies jibdew jitgħallmu.

5.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li għandna nagħmlu kampanja edukattiva b'mod speċjali fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali, nagħtu ċans xahar, imbagħad naraw kif tkun is-sitwazzjoni.

5.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 6. <u>L-INSTALLAZZJONI TAD-*DEFIBRILLATOR* FIL-LOKALITA'</u>

6.1 Is-Sindku David Schembri qal lir-Reġjun tan-Nofsinhar, permezz ta' skema partikolari, tana *defibrillator* sabiex dan jitwaħħal x'imkien ċentrali fil-lokalita'.

6.2 Qal li fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qiegħed isir kors sabiex ikun hemm persuni apposta li jitgħallmu kif għandhom jużaw dan l-apparat, u jistgħu jattendu sa tliet persuni mil-lokalita' tagħna.

6.3 Żied li għalkemm dan huwa pass tajjeb 'il quddiem, wieħed irid jifhem li tlieta min-nies huma ftit li jkunu jafu kif titħaddem din is-sistema.

6.4 Is-Sindku ressaq il-mistoqsija ta' fejn se jitpoġġa dan l-appart. Qal li kien hemm diversi persuni li tefgħu s-suġġerimenti tagħhom, fosthom kien hemm min issuġġerixxa l-Iskola Primarja, oħrajn il-grawnd tal-futbol kif ukoll ċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.5 Spjega li dan l-apparat irid ikun aċċessibbli għal kulħadd, u kemm l-iskola, kemm il-grawnd tal-futbol kif ukoll iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali jkunu magħluqin għal ħafna ħin, u allura wieħed irid jara kemm jagħmel sens li dan l-apparat ikun installat f'xi post minn dawn.

6.6 Żied li jkun aħjar jekk dan l-apparat jiġi nstallat x'imkien ċentrali fil-lokalita', preferibilment barra, ħalli jekk jinqala' xi ħaġa jkun jista' jużah kulħadd.

6.7 Saret diskussjoni wiesgħa dwar fejn jista' jiġi nstallat id-*defibrillator* u fl-aħħar il-Kunsill Lokali qabel unanimament li dan għandu jitwaħħal mal-faċċata tal-binja tal-Kunsill Lokali.

6.8 Is-Sindku għalaq billi qal li issa rridu niċċekkjaw minħabba l-kabinett u l-polza tal-assikurazzjoni apposta minħabba dan l-apparat.

## 7. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

7.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-iskema tar-Reġjun ta' Nofsinhar dwar is-CCTV Cameras, fejn nistgħu nibbenefikaw sa €2,000 għal dan il-proġett.

7.1.1 Qal li l-Kunsill Lokali jrid jieħu deċiżjoni jekk dawn il-cameras hux se jintużaw biss bħala sorveljanza, jew inkella jekk hux se jintużaw għall-infurzar.

7.1.2 Żied li wieħed irid jikkunsidra l-manutenzjoni li jkollhom bżonn dawn il-cameras minn żmien għal żmien, kif ukoll wieħed irid jifhem li hemm diversi spejjeż involuti, fosthom tal-*internet connection* kif ukoll tad-dawl.

7.1.3 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li s-CCTV Cameras ikunu nstallati bis-sistema ta' infurzar.

7.2 Is-Sindku tkellem dwar skema oħra tar-Reġjun tan-Nofsinhar, din id-darba

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

dwar is-sinjali tat-toroq, fejn ir-Reġjun qiegħed iwegħdna s-somma ta' madwar €1,842.

7.2.1 Qal li tkun idea tajba jekk nagħtu spinta lil Triq it-Tempesta kif ukoll Triq il-Panorama, li issa ilhom ftit ma jkollhom iż-żebgħa tal-art infriskata kif ukoll hemm bżonn li jitpoġġew xi mirja.

7.2.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

7.3 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema tal-librerji tar-Reġjun tan-Nofsinhar.

7.3.1 Qal li minn din l-iskema nistgħu ndaħħlu sa €1,000 u fil-fatt dawn il-flus se jkunu qegħdin jintużaw sabiex isir xkaffar ġdid fil-librerija tal-Qrendi kif ukoll biex titħallas parti żgħira mill-ispiża tal-ktieb li se joħroġ il-Kunsill Lokali.

7.4 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 313 u dwar il-kwistjoni preżenti mal-kumpanija Europe Direct Ltd.

7.4.1 Qal li għadna ma rċevejniex risposta għall-ittra legali li bagħtna bħala Kunsill Lokali u se nkunu qegħdin nistennew ftit tal-jiem oħra sabiex naraw jekk nirċevux xi tip ta' risposta.

7.5 Is-Sindku tkellem dwar il-ktieb ippubblikat mill-Kunsill Lokali u li se jkun mniedi nhar is-Sibt li ġej waqt is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi.

7.5.1 Hu ppropona li kemm il-Kunsillieri preżenti, kif ukoll l-ex Sindki u ex Kunsillieri għandhom jingħataw kopja ta' dan il-ktieb, kif ukoll jingħata wieħed lis-Soċjetajiet u l-Għaqdiet ta' raħalna.

7.5.2 Qal li l-kotba l-oħra se jkunu jistgħu jingħataw għal donazzjoni ta' €10.

7.5.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dawn il-proposti.

7.5.4 Is-Sindku qal ukoll li ħafna mill-informazzjoni li hemm fuq dan il-ktieb ġiet meħuda mill-programmi tal-festa taż-żewġ Soċjetajiet Mużikali, kif ukoll ir-ritratti ta' dan il-ktieb inġabru minn diversi sorsi, fosthom mill-istess

Soċjetajiet Mużikali.

7.5.5 Spjega kif nies u personaġġi li sal-lum il-ġurnata għadhom mimlija bil-għomor mhux se jkunu qegħdin jissemmew f'dan il-ktieb u dan sabiex ħadd ma jħossu offiż li ma ssemmiex għal raġuni jew oħra.

7.5.6 Qal li l-uniku persuna li se jissemma u li għadu ħaj huwa l-Professur Dun Manwel Agius u dan għaliex se jissemma bħala l-persuna li flimkien ma' Dr. Ġużè' Cassar rebħu Ġieħ il-Qrendi 2014.

7.6 Is-Sindku tkellem dwar l-inawgurazzjoni mill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, tal-iskema 'Bil-Ħila Tagħhom.'

7.6.1 Qal li s'April li ġej il-Kunsill Lokali jista' jinnomina lil xi persuna li bil-ħila tagħha rnexxielha tasal, avolja f'ħajjitha seta' kellha xi tfixkil u anke problemi finanzjarji u/jew edukattivi.

7.7 Is-Sindku tkellem dwar in-nominazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, għall-premju tas-Segretarju Eżekuttiv tas-sena, mogħti mill-ANSEK.

7.7.1 Qal lis-Segretarju Eżekuttiv m'aċċettax li għandu jiġi nnominat u dan wara li ma kienx hemm qbil unanimu fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali dwar din in-nomina.

7.7.2 Żied li min-naħa tiegħu, kontra qalbu, flimkien mal-Kunsillieri li xtaqu jinnominawh, kellu jaċċetta d-deċiżjoni tas-Segretarju Eżekuttiv.

7.8 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-possiblita' li l-Kunsill Lokali jorganizza *weekend break*.

7.8.1 Qal li hu diġa' għamel kuntatt ma' ħames lukandi differenti u li s'issa kienu tliet lukandi li tawh risposta bil-prezzijiet tagħhom.

7.8.2 Il-Viċi Sindku ressaq dawn il-prezzijiet quddiem il-Kunsill Lokali u wara li saret diskussjoni ġie deċiż li tintgħażel il-Paradise Hotel sabiex il-*weekend break* isir f'Marzu li ġej.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.9 Il-Kunsillier Daniela Farrugia tkellmet dwar il-possiblita' li jsiru kaxxi bojod tal-parkeġġ fi Triq Santa Katarina, wara li rċeviet din il-proposta mingħand residenta li toqgħod fl-istess triq.

7.9.1 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba jsiru l-kaxxi bojod, fir-realta' se nkunu qegħdin innaqqsu l-parkeġġ u mhux inżiduh, u dan minħabba r-regolamenti stabbiliti minn Transport Malta dwar il-wisa' u t-tul ta' kull kaxxa, id-distanza minn kantuniera/i, kif ukoll il-garaxxijiet li hemm fit-triq, u fl-aħħar mill-aħħar dawn ikunu ta' detriment akbar għar-residenti.

7.10 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar it-tabella li hemm int u nieżel Wied iż-Żurrieq.

7.10.1 Qal li f'din it-tabella qiesu m'hemmx indikat b'mod ċar li Wied iż-Żurrieq jagħmel parti mil-lokalita' tal-Qrendi.

7.10.2 Is-Sindku wieġeb li hemm l-arma tal-Qrendi li turi li din iż-żona tagħmel parti mil-lokalita' tagħna, imma l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jiċċekkja x'jista' jiġi rranġat f'din it-tabella sabiex tkun aktar ċara.

7.11 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa jekk huwiex possibli li jerġgħu jibdew jaħdmu r-rotot l-antiki 38 u 138, li kienu jgħaddu minn ħdejn Wied iż-Żurrieq u Ħaġar Qim imbagħad kienu jibqgħu ġejjin fiċ-ċentru tal-lokalita'.

7.11.1 Is-Sindku wieġeb li se jkun qiegħed jitkellem mas-Sur Kevin Zahra minn Transport Malta fuq dan il-każ.

7.12 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-korsijiet organizzati mill-proġett LEAP.

7.12.1 Is-Sindku wieġeb li mill-informazzjoni li għandu jidher li dawn il-korsijiet se jiġu organizzati fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum taż-Żurrieq jew ta' Ħal Kirkop.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 8. FINANZI

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €26,801.46c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/15 u €54.80c skont il-*Petty Cash* Ref S/01.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2015 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon** — **Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri** — **Sindku**